**Laqgha Numru 30/K6/2012**

**Introduzzjoni**

It-Tletin Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2012 li saret nhar l-Erbgħa 24 ta’ Ottubru 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsillier Lauro Fava ***(wasal fis-6.05pm)***, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Fuq talba tal-Kunsill, ghall-laqgha kienet prezenti wkoll l-accountant tal-Kunsill Romina Perici Ferrante. Ghal xi hin ghall-laqgha kien hemm ukoll il-prezenza tal-pubbliku.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta’ qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fis-16 ta’ Ottubru 2012. L-Agenda kienet:

- **01. Approvazzjoni tal-Minuti 28/K6/2012.**
- **02. Punti li johorgu mill-Minuti 28/K6/2012.**
- **03. Approvazzjoni tal-Minuti 29/K6/2012.**
- **04. Tqeghied ta’ dokumenti u rapporti.**
- **05. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
- **06. Mistoqsijiet.**
- **07. Korrispondenza.**
- **08. Kumitati Kongunti ta’ l-LES u n-NHDJC.**
- **09. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
- **10. Rapport Finanzjarju Kwart 3 perjodu Lulju – Settembru 2012.**
- **11. Ittra korrispondenza numru 46/6442/12/I.**
- **12. Kwotazzjoni 30/2011 u Tender 01/2012.**
- **13. Attivitajiet ghal zmien il-Milied.**
- **14. Approvazzjoni tal-kontijiet.**
- **15. Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 28/K6/2012.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 28/K6/2012 kif pprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 28/K6/2012.

**46/3872/12/I** 17/05/2012 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bis-sentenza ta' l-Appell 65/2006/15 – Mario Mallia vs Kunsill Lokali Pembroke.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 27/K6/2012 item 2.02, ghall-Minuti 26/K6/2012 item 2.09 u ghall-Minuti 25/K6/2012 item 14.02 u ghall-korrispondenza numru **46/3872/12/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona biex il-Kunsill, wara li jircievi d-dokument ta' l-offerti emendat mill-Perit, u wara li jigi approvat mill-Kunsill, johrog sejha gdida ghall-embellishment taz-zewg gonna Madre Teresa ta' Kalkutta u l-4 ta' Lulju, inkluz li fejn ghad hemm apparat li skond il-Gvern huwa kkundannat, dan jigi nkluz fit-tender biex jitnehha mmedjatament kif ukoll li ghandhom jigu nfurmata r-residenti permezz ta' cirkulari ta' dan il-process kollu, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien rega' kiteb lill-Perit tal-Kunsill biex ifakkru li ghadu ma baghatx id-dokumenti necessarja.

**46/4581/12/I** 13/06/2012 Kwotazzjoni minghand il-kuntrattur J&K Contractors Ltd. ghal tiswija ta' Graffiato mal-Bini tal-Kunsill ghall-prezz ta' €594.00.

2.02. B'riferenza ghall-Minuti 27/K6/2012 item 2.03, ghall-Minuti 26/K6/2012 item 6.08 u ghall-korrispondenza numru **46/4581/12/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien irrimarka li dan il-prezz huwa wiehed esagerat ghall-persuna li hija pensjonanta u ghalhekk kien ippropona l'issir kwadrant tal-metal li jehel fl-art u jitla' mal-koxxa u b'hekk tkun ta' protezzjoni ghal quddiem, inkluz ukoll li kien informa lill-Kunsill li kien ser jivverifika biex jigbor stima tal-materjal li hemm bzonn, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Marsa hemm stabbiliment li jipprovdi sheets ta' li stainless steel u ghalhekk ser jipprovdi l-informazzjoni lis-Segretarju Ezekuttiv biex tingieb stima minghandu li wara tkun trid tintlewa biex titwahhal mal-kantuniera. Il-kelliem irrimarka li l-materjal irid ikun tat-tip 316, 2 mm hxuna, wiesa' 60 cm u 1.2mtr twila.

2.03. B'riferenza ghall-Minuti 27/K6/2012 item 9.17 fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li b'riferenza ghall-kwotazzjoni **08/2012 - Organising of Zumba course**, il-Bord unanimament kien qed jirrakkomanda lill-Kunsill li tintghazel l-offerta ta' **Ms. Nathalie Camilleri** abbazi li l-offerta taghha hija l-aktar wahda vantagguza u li dan il-kors ghandu jibda f'Ottubru bil-premessa li jsir fis-sala ta' l-iskola Primarja tal-Gvern, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li regghet intbaghet email lill-iskola Primarja biex jikkonfermaw lill-Kunsill bil-hinijiet u granet ta' meta tista' tintuza s-sala ta' l-iskola fejn ir-risposta kienet li din jidher li tista' tintuza nhar ta' Gimgha filghaxija ghall-prezz ta' €35.00 is-siegha (46/7540/12/I), ghalkemm wara ftit l-Kunsill ircieva telefonata minghand is-sur Mangani fejn informa lill-Kunsill li ghad irid jivverifika dwar dan.

2.04. B'riferenza ghall-Minuti 27/K6/2012 item 9.21 fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li b'riferenza ghall-kwotazzjoni **09/2012 - Organising of Keep Fit course**, il-Bord unanimament kien qed jirrakkomanda lill-Kunsill li tintghazel l-offerta

ta’ **Power Yoga World** abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar wahda vantagguza inkluz li dan il-kors jibda f’Ottubru bil-premessa li jsir fis-sala ta’ l-iskola Primarja tal-Gvern, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li regghet intbaghet email lill-iskola Primarja biex jikkonfermaw lill-Kunsill bil-hinijiet u granet ta’ meta tista’ tintuza s-sala ta’ l-iskola fejn ir-risposta kienet li din jidher li tista’ tintuza nhar ta’ Gimgha filghaxija ghall-prezz ta’ €35.00 is-siegha (46/7540/12/I), ghalkemm wara ftit l-Kunsill ircieva telefonata minghand is-sur Mangani fejn informa lill-Kunsill li ghad irid jivverifika dwar dan.

2.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jekk tal-Power Yoga World tinsisti mal-Kunsill li ma tistax taghmel dawn il-lezzjonijiet f’Pembroke, allura l-Kunsill ghandu jaghzel lil xi hadd iehor.

2.06. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

2.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5706/12/I** 01/08/2012 Email minghand Emcare 360 Ltd fejn infurmaw lill-Kunsill b’talks li jixtieq li jigu organizzati gewwa l-Kunsill dwar 'maintaining a healthy life style'.

2.08. B’riferenza ghall-Minuti 28/K6/2012 item 6.17 u ghall-korrispondenza numru **46/5706/12/I** fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li l-Kunsill jaccetta din l-offerta u jsiru dawn it-tahdidiet kif ukoll li jsir flyer biex jitqassam fid-djar kollha tal-lokal, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet talbitu biex it-tlett laqghat koncernata jsiru fis-sala tal-Knisja u ghalhekk hemm bzonn l-approvazzjoni tal-Kunsill minhabba li ser ikun hemm hlas.

2.09. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li dawn il-laqghat ghandhom isiru fis-sala tal-Knisja wara l-Quddiesa tas-6.00pm u ghalhekk ghandu jsir komunikat mal-Knisja dwar dan biex tkun tista’ tinkera s-sala.

2.10. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5722/12/I** 01/08/2012 Email minghand l-AKL fejn baghtu kopja ta' email rigward Disability Awareness fun day for Local Councils minghand Inspire fejn qed joffru gurnata ta’ divertiment ghall-persuni b’dizabilita’ gewwa l-bini taghhom.

2.12. B’riferenza ghall-Minuti 28/K6/2012 item 6.20 u ghall-korrispondenza numru **46/5722/12/I** fejn il-Kunsillier Joe Brincat kien ippropona li l-Kunsill jaccetta din l-offerta u jsir flyer li jitqassam fid-djar kollha tal-lokal, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta draft lill-Kunsill u talab konferma ghad-data meta hemm il-hsieb l’issir din l-inizjattiva filwaqt li l-Kunsillier Joe Brincat informa lill-Kunsill li ser jaghti data aktar il-quddiem.

2.13. B’riferenza ghall-Minuti 28/K6/2012 item 6.58 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li l-Kunsill jiftah kont bankarju mal-Bank BOV u dan sabiex jiffacilita’ l-hlasijiet lill-membri tal-Kunsill li ghandhom servizzi ma’ dan il-Bank biex il-pagamenti relatati jsiru permezz ta’ Direct transfer fil-kontijiet bankarji taghhom jew b’cekkijiet, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kienu bdew il-proceduri biex jinfetah kont gdid.

**46/6614/12/I** 12/09/2012 Kwotazzjoni minghand Eworld ghal HP Officejet Pro 8600 fax, scanner u printer ghall-prezz ta’ €325.00 inkluz il-VAT.

**46/6617/12/I** Kwotazzjoni minghand Scan Malta ghal HP Officejet 6700 fax, scanner u

| | |
|---|---|
| 12/09/2012 | printer ghall-prezz ta' €210.68 inkluz il-VAT. |
| **46/6639/12/I** 14/09/2012 | Kwotazzjoni minghand Alfa ghal Brother fax, scanner u printer ghall-prezz ta' €306.00 inkluz il-VAT. |

2.14. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill li l-HP Officejet 6700 offruta minghand Scan Malta, tinstab ukoll ghand Eworld ghall-prezz ta' €199.00.

2.15. B'riferenza ghall-Minuti 28/K6/2012 item 6.65 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li sa l-1 t'Ottubru 2012, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghandu jinghata struzzjonijiet liema ser jixtri, is-Sindku Joe Zammit ippropona li tintghazel l-offerta ta' Eworld ghal HP Officejet 6700 ghall-prezz ta' €199.00. **(Ara dokument A)**

2.16. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

2.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.18. B'riferenza ghall-Minuti 28/K6/2012 item 11.04 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li l-Kunsill jorganizza zjara Edukattiva li tinkludi zjara Xorb l-Ghagin / Tas-Silg, inkluz li kienet indikat li dettalji jithabbru aktar il-quddiem, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien ghadu m'ghandux id-dettalji ta' din l-attivita' minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat.

2.19. B'riferenza ghall-Minuti 28/K6/2012 item 11.07 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li fil-gimghat li gejja l-Kunsill ghandu jorganizza esebizzjoni ta' crafts ta' l-injam, inkluz li kienet indikat li dettalji jithabbru aktar il-quddiem, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien ghadu m'ghandux id-dettalji ta' din l-attivita' minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat.

2.20. B'riferenza ghall-Minuti 28/K6/2012 item 11.10 fejn il-Kunsillier Joe Brincat kien ippropona biex fl-ahhar tax-xahar ta' Ottubru jinzerghu aktar sigar taz-zebbug flok dawk li mietu fl-istess post fil-gnien ta' St. Patricks u ohrajn skond il-parir li jista' jinghata l-Kunsill minghand is-sur Charles Mifsud (li joffri s-servizz tal-Bulky Refuse) li l-Kunsill jaf li huwa bidwi u gardinar ukoll, il-Kunsillier Joe Brincat ippropona l'issa li sar ix-xoghol tat-twittija tal-hamrija, dan jista' jsir mill-kuntrattur li jaghzel il-Kunsill ghall-kuntratt tal-gonna.

2.21. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.23. B'riferenza ghall-Minuti 28/K6/2012 item 11.42 fejn il-Kunsillier Joe Brincat kien irrimarka li l-konkos li sar taht il-litter bins fi Triq il-Mediterran huma perikoluza kif ukoll fejn is-Sindku Joe Zammit kien irrimarka li kien ser juri lis-sur Chris Costa kif dawn jistghu jigu rrangata, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan ix-xoghol ghandu jigi rrangat mill-kuntrattur li kien ghamilhom u jsiru ghat-tond minhabba li kif ghamilhom gew perikoluza.

2.24. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-kuntrattur m'ghandux jithallas ghal dan ix-xoghol qabel jigi rrangat u jitnehha l-periklu.

2.25. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

***2.27. Il-Kunsillier Lauro Fava wasal fis-6.05pm.***

2.28. B'riferenza ghall-Minuti 28/K6/2012 item 11.49 fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li kien ser jikkomunika mal-persuni koncernata biex tigi solvuta l-

problema li hemm fi Triq Dun Amabile Sisner fejn hemm numru ta’ djar li ghandhom ir-rampi tal-hadid kollha msadda u perikoluza apparti li hemm minnhom li huma l-barra, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan kien ghadu m’ghamlux.

2.29. B’riferenza ghall-Minuti 28/K6/2012 item 11.54 fejn is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien informa lill-Kunsill li l-basktijiet tax-xoqqa li kien ordna l-Kunsill minghand il-kumpanija Vancell Photography, il-kuntrattur informa lill-Kunsill li minhabba li ghadda hafna zmien mhux possibbli li jsiru bl-istess prezz u wara diskussjoni, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li l-Kunsill imur ghat-tieni offerta li kien hemm, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li sar komunikat mal-kumpanija koncernata u qed jistenna sample minghandu.

2.30. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jekk din il-kumpanija ma tasalx il-Kunsill ghandu jmur ghall-kumpanija li kien imiss.

2.31. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.32. il-Kunsill qabel unanimament.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 29/K6/2012.

3.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 29/K6/2012 kifipprezentati.

3.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

3.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li l-Kunsill ghandu joqghod attent ghall-liema materji ghandu jara biex isiru laqghat b’urgenza bhal ma gara f’dan il-kaz. Il-kelliema irrimarkat li jkun hemm suggetti li jkunu ta’ certu portata li l-Kunsill jaqlala’ fwieda biex issir laqgha b’urgenza biex jigu diskussa.

3.05. Is-Sindku Joe Zammit ippropona sospensjoni ta’ l-agenda biex item 10 tigi diskussa qabel il-kumplament ta’ l-agenda.

3.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

3.07. Il-Kunsill qabel unanimament

## 10. Rapport Finanzjarju Kwart 3 perjodu Lulju – Settembru 2012.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit talab lill-Accountant Ms. Perici Ferrante biex taghti l-ispjega taghha lill-Kunsill.

10.02. Wara li ma kienx hemm kummenti, is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju kif ipprezentat. **(Ara Dokument B)**

10.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.05. Is-Sindku Joe Zammit irringrazzja lil Ms. Perici Ferrante u stedina thalli l-kamra.

## 04. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

4.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borgipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 093/2012** b'rapport tal-mawra li saret f'Antonovo Bulgarija b'konnessjoni mal-progett ENVOY **(Ara Dokument C); Internal Memo 094/2012** b'rapport tal-ftuh tat-Tender 01/2012 **(Ara Dokument D); Internal Memo 095/2012** b'rapport tal-laqgha li saret mad-dirigenti tat-Topline Megastore **(Ara Dokument E); Internal Memo 096/2012** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-MTA **(Ara Dokument F); Internal Memo 097/2012** b'rapport tal-kwotazzjonijiet li ngabru ghal titjira ghal Kreta (Progett OSDDT) **(Ara Dokument G); Internal Memo 098/2012** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 28/K6/2012 u 30/K6/2012 **(Ara Dokument H); Internal Memo 099/2012** b'rapport ta' laqghat li saru bejn laqgha 28/K6/2012 u 30/K6/2012 **(Ara Dokument I)** u flyers dwar Fun Day ghall-Persuni b'Dizabilita' **(Ara Dokument J)**, Thawwil ta' Pjanti minghajr permess **(Ara Dokument K)**, Laqghat edukattivi **(Ara Dokument L)** u Rapport mill-GreenPak 2012 **(Ara Dokument M)**.

## 05. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

5.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati taht item 4.

## 05. Mistoqsijiet.

6.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 07. Korrispondenza.

7.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn l-20 ta' Settembru u l-24 ta' Ottubru 2012 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

| | |
|---|---|
| **46/6786/12/I**<br>24/09/2012 | Memo 35/2012 mibghuta mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali rigward Skema ta' impjieg Inklussiv fil-Komunita'. |
| **46/7050/12/O**<br>02/10/2012 | Minhabba l-iskadenza biex issir l-applikazzjoni ntbghatet email lill-ETC fejn infurmajnihom li b'riferenza ghall-Memo 35/2012 - Skema ta' impjieg inklusiv fil-komunita' l-Kunsill huwa nteressat li japplika ghas-servizz ta' persuna wahda. |
| **46/7195/12/I**<br>09/10/2012 | Email mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-Memo 35/2012 - infurmaw lill-Kunsill li l-gvern ser jipprovdi l-finanzjament tas-salarju tal-persuni b'dizabilita' impjegati taht l-iskema. |
| **46/7477/12/I**<br>22/10/2012 | Lista ta' persuni bi bzonnijiet specjali minghand l-ETC li ser japplikaw ghall-post ta' skrivan skond l-iskema mahruga mill-Gvern. |

7.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6786/12/I, 46/7050/12/O, 46/7195/12/I u 46/7477/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jiehu sehem f'din l-inizjattiva.

7.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

7.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6853/12/I** 25/09/2012 Email minghand is-sur Mario Grech Mallia fejn talab sabiex isir xi haga minhabba l-huts ta' l-AFM li hemm quddiem id-dar tieghu minhabba li jinsabu ta' periklu specjalment meta jkun ir-rih.

**46/6882/12/I** 26/09/2012 Email minghand is-Sindku fejn b'riferenza ghall-email minghand is-Sur Mario Grech Mallia talab biex nibghatu lill-AFM ninfurmawhom bl-ilment halli l-Kunsill ikun kopert f'kaz li jigri xi haga.

**46/7044/12/O** 02/10/2012 Email li l-Kunsill baghat lill-AFM fejn gew mitluba sabiex malajr kemm jista' jkun jigu rrangata partijiet mill-huts.

7.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6853/12/I, 46/6882/12/I u 46/7044/12/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Brigadier tal-AFM kien informa lill-Kunsill li kien ircieva l-ittra tal-Kunsill u qed jaghtiha l-attenzjoni mixtieqa.

7.06. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jerga' jikteb lill-AFM fejn jerga' jistaqsi meta ser jaghmlu x-xoghol bhala retaining tat-triq faccata ta' Granny Bazaar inkluz li jinzammu responsabbli ghad-danni li jista' jkun hemm fil-bini tat-triq.

7.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

7.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6885/12/I** 26/09/2012 Artikli li dehru fuq it-Times, Maltastar u INews rigward 34 car park li ser jigu privatizzati.

7.09. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6885/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan il-progett gie rtirat mill-Gvern.

**46/6891/12/I** 26/09/2012 Memo 36/2012 mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali rigward is-sehem tal-Kunsilli Lokali fl-Istrategija Ewropea 2020 fejn ser isir seminar organizzat mill-MEUSAC nhar il-Gimgha 23 ta' Novembru gewwa Le Meridien.

7.10. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6891/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

7.11. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li hija nteressata li tattendi.

**46/6893/12/I** 26/09/2012 Email minghand l-AKL fejn infurmaw lill-Kunsilli bil-laqgha statutorja ghall-Kunsilliera kollha li ser issir fl-10 ta' Novembru gewwa d-Dolmen ghall-prezz ta' €50 ghal kull persuna. Kull min huwa nteressat ghandu jibbukja sa mhux aktar tard minn nhar il-Gimgha 2 ta' Novembru 2012.

7.12. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6893/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li huwa kien ser jattendi izda mhux ser joqghod ghall-ikel u stieden lill-Kunsillieri biex jikkonfermaw l-attendenza taghhom mas-Segretarju Ezekuttiv.

7.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li hija ser tattendi ukoll izda mhux ser toqghod ghall-ikel.

**46/6899/12/I** 26/09/2012 Kwotazzjoni minghand Medicare ghall-prezz ta' €12 is-siegha ghas-servizz ta' nurse sabiex tinghata l-vaccin ta' l-influwenza.

**46/7066/12/I** 03/10/2012 Email minghand is-Sindku fejn informa lill-Kunsill li huwa jaqbel li jitqabdu l-kumpanija Medicare sabiex jaghtu t-tilqima ta' l-influwenza lir-residenti.

**46/7081/12/I** 03/10/2012 Kif ukoll email minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fejn infurmat lill-Kunsill li ghalkemm taqbel, irrimarkat li hemm bizzejjed hin biex din tkun

approvata fil-laqgha li jmiss tal-Kunsill.

7.14. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6899/12/I, 46/7066/12/I u 46/7081/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jaccetta din l-offerta tal-Medicare ghal €12.00 is-siegha u li s-servizz jintalab ghal nhar it-Tlieta 30 ta' Ottubru fil-hin ta' filghodu (09.00 – 12.00) u l-hin ta' filghaxija (16.00 – 19.00).

7.15. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

7.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6935/12/I** 27/09/2012 Email minghand l-iskola tal-Verdala fejn talbu laqgha mal-Kunsill dwar il-Belishia Beacons u nformaw lill-Kunsill li s-Sur Lawrence Simpson gie appuntat minflok is-Sur Nollaig Mac an Bhaird.

7.17. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6935/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jiltaqa' mas-surmast il-gdid is-sur Lawrence Simpson.

7.18. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

7.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6945/12/I** 28/09/2012 Ittra anonima minghand residenti li joqghodu Triq Gabriele Henin fejn infurmaw lill-Kunsill li fl-istess Triq hemm zewg vetturi abbandunati u talbu biex jitnehhew mill-post mill-aktar fiss. Infurmaw lill-Kunsill li l-Pulizija diga wahhlu l-karta safra fuq il-windscreen.

7.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6945/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

7.21. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li jsir ilment mad-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar sit li hemm fuq wara ta' Blokk 6 Triq Pietru D'Armenia li jidher li qed jigi kkapparat minghajr permess u minflok ghandu jsir parkegg ghar-residenti; li s-sit tat-tennis court jinghata lill-Kunsill ghall-uzu tar-residenti nkluż l'issir laqgha ma' l-Awtorita' tad-Djar dwar l-embellishment bejn Sit A1 – A4 u A5 – A15. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill jitlob lill-Pulizija jinfurmaw lill-Kunsill meta ser jitnehhew il-karozzi abbandunati li hawn fil-lokal minhabba li qed isiru hafna abbuzi fihom.

7.22. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

7.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6978/12/I** 29/09/2012 Email minghand is-Sindku Joe Zammit fejn b'riferenza ghall-email li baghtet il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat dwar ic-cint perikoluz f'San Patrizju talab biex tkun diskussa fil-laqgha li jmiss tal-Kunsill.

**46/6980/12/I** 29/09/2012 Email minghand is-Sindku Joe Zammit fejn b'riferenza ghall-email mibghuta mill-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat talab sabiex isir cint madwar il-culvert sabiex ma tinzilx hamrija u tkun diskussa fil-laqgha tal-Kunsill.

7.24. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6978/12/I u 46/6980/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ghandu jitlob stima ghal dan ix-xoghol t'irrangar u li l-Perit ghandu jintalab jaghti l-parir tieghu professjonali kif ghandu jsir ix-xoghol biex il-kwotazzjoni tkun serja mill-ewwel.

7.25. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

7.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6983/12/I** 01/10/2012 Email minghand Horizons fejn informaw lill-Kunsill bil-ktieb li ser

jippubblikaw bl-isem 'Duminku Mintoff, Bejn Storja u Miti' ghall-prezz ta' €15 soft bound u €20 hard bound.

7.27. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6983/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jixtri wiehed soft bound ghall-librerija.

7.28. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

7.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7025/12/I** 01/10/2012 Email minghand id-Door Numbering Unit fejn talbu lill-Kunsill sabiex jibghat lista ta' toroq li ghad iridu jigu nnumerati fil-lokal.

7.30. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7025/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jinforma lid-Door Numbering Unit li din il-verifika ghandha ssir minnaha taghhom minhabba li huma ghandhom id-data kollha.

7.31. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

7.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7036/12/I** 02/10/2012 Email minghand Marindex Ltd. fejn baghat ritratti ta' sample ta' trophies u l-qisien taghhom.

7.33. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7036/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

7.34. B'riferenza ghall-kwotazzjoni 43/2012, wara diskussjoni li saret, is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghzel l-offerta ta' Horace Enterprises Ltd. **(Ara dokument N, O u P)**

7.35. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

7.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7063/12/I** 03/10/2012 Ittra minghand il-kuntrattur Philip Seguna fejn informa lill-Kunsill li sakemm tigi rrangata s-sitwazzjoni mhux se jipprovdi skips fiz-zona fejn regghu nharqu u talab biex il-Kunsill jifhem il-pozizzjoni tieghu.

**46/7535/12/I** 24/10/2012 Email mnghand l-Avukat tal-Kunsill Luciano Busuttil fejn informa lill-Kunsill li l-Kunsill mhux obbligat li jhallas lill-kuntrattur ghall-extra skips izda jekk l-iskart jingabar kollu ghandu jithallas tal-kuntratt normali.

7.37. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7063/12/I u 46/7535/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li r-residenti taz-zona jidher li qed jikkoperaw u johorgu quddiem id-dar taghhom il-borza li tingabar mill-iscammel u ghalhekk hemm ftit li qed jabbuzaw u johorgu l-iskart barra u jitfugh fil-post fejn hemm l-iskips u ghalhekk ghandu jintuza s-servizz ta' Green Wardens.

7.38. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet b'liema idea l-Kunsill kien qed jipproponi li l-kuntrattur jithallas ta' xi haga li ma kienetx hemm.

7.39. Wara diskussjoni, is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jitlob laqgha ma' l-Avukat tal-Kunsill dwar dan il-kaz. Il-kelliem ippropona wkoll li l-kuntrattur ghandu jithallas biss ta' 20 skip li hawn fil-lokal.

7.40. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

7.41. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.42. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill x’ser jigri dwar il-hlasijiet li diga saru.

7.43. Is-Sindku Joe Zammit wiegeb li decizjoni dwar dan ghandha tittiehed wara li l-Kunsill ikun iltaqa’ ma’ l-Avukat.

**46/7064/12/I** 03/10/2012 Email minghand l-ETC fejn informa lill-Kunsill li l-partecipazzjoni fl-iskema xoghol fil-komunita' tas-sur Chris Costa giet imgedda ghal sitt xhur ohra.

7.44. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7064/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/7075/12/O** 03/10/2012 Email li l-Kunsill baghat lill-MTA fejn b'riferenza ghal-laqgha li saret baghat ir-rapport ta' l-MTA b'ritratti tal-progett kif ukoll estratt li l-hajt l'iggarraf kien inqala' waqt l-kostruzzjoni tal-progett mill-kuntrattur ta' l-MTA.

**46/7077/12/I** 03/10/2012 Email minghand l-MTA fejn b'riferenza ghall-email li rcievew minghand il-Kunsill, informaw lill-Kunsill li mir-ritratti jidher li l-hajt inkwistjoni ma jaqax taht ix-xoghol li ghamlu huma tal-gnien.

**46/7080/12/I** 03/10/2012 Kopja ta' l-email li Bonnici Brothers baghtu lill-Perit Kevin Fsadni fejn informah li jaqbel mal-konkluzjonijiet tieghu u li l-hajt huwa barra mis-sit fejn sar ix-xoghol u l-hajt waqa' bix-xita qalila li nizlet.

**46/7104/12/I** 04/10/2012 Email minghand l-MTA fejn b'riferenza ghall-email li baghat il-Kunsill nforma lill-Kunsill li l-MTA isponsorjaw it-thawwil tas-sigar u l-kuntrattur Bonnici Brothers hawwilhom izda huma qatt ma rcievew kont fuq irrangar ta' xi hajt.

**46/7161/12/I** 08/10/2012 Email minghand l-Elmo Insurance fejn b'riferenza ghall-hajt li waqa' fuq il-karozzi fi Triq Pietru D'Armenia nforma lil kull min huwa koncernat li mhux ser jistennew aktar u jekk mhux ser tissolva din il-kwistjoni bejn il-Kunsill u l-MTA ser jiehdu passi legali u tinqata' bil-qorti min huwa responsabbli.

7.45. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7075/12/O, 46/7077/12/I, 46/7080/12/I, 46/7104/12/I u 46/7161/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsill mhux responsabbli ghal dak li sar u l-istampi jitkellmu wehidhom kif kien hemm hajt, dan twaqqa’ mill-kuntrattur Bonnici Bros l’ikkonfermaw fl-email taghhom li regghu bnewh.

**46/7108/12/I** 04/10/2012 Kwotazzjoni minghand l-OmniStat ghal cabinet ghall-ufficcju ghall-prezz ta' €316.24.

7.46. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7108/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li hemm htiega ta’ cabinet ohra biex iservi ta’ arkivji ghal hafna files li ghandu l-Kunsill u kien ghalhekk li wara li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien tkellem mieghu, dan kien mitlub biex igib stima ta’ dak li ghandu bzonn bhala amministratur ta’ l-ufficcju.

7.47. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

7.48. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7110/12/I** 04/10/2012 Email minghand l-AKL fejn baghtu stedina ghall-konferenza u fiera Internazzjonali bl-isem TICTAC li ser issir bejn id-29 u l-31 ta' Ottubru 2012 gewwa Dolmen il-Qawra. Kull min hu nteressat kellu japplika sa l-Erbgha 10 ta’ Ottubru 2012.

7.49. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7110/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/7116/12/I** 05/10/2012 Ittra minghand id-Dipartiment tal-Propjeta’ tal-Gvern fejn b'riferenza ghat-talba tal-Kunsill ghad-devoluzzjoni ta' St.Patricks Craft Centre nforma lill-Kunsill li minn investigazzjoni li saret jidher li l-art hi okkupata mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u talab sabiex isir kuntatt maghhom u naraw jekk humiex lesti jirrilaxxawha.

7.50. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7116/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ghandu jaghmel din it-talba lid-Divizjoni ta’ l-Edukazzjoni.

7.51. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

7.52. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7129/12/I** 05/10/2012 Email minghand is-sur Marc Cortina li jaghmel parti mill-Forest Sciences Center of Catalonia fejn baghtu nformazzjoni fuq Programm tal-MED bl-isem 'Programme MED European Territorial Cooperation 2007-2013' u talbu l-Kunsill jiehu sehem u li d-deadline huwa il-31 ta’ Ottubru 2012.

**46/7134/12/I** 08/10/2012 B'riferenza ghall-email li rcieva l-Kunsill minghand il-Forest Sciences Center of Catalonia, is-Sindku staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv jekk il-programm jaqax taht il-MedStrategy u jekk iva talab jekk jaghmilx sens li nippartecipaw u fakkar li din il-legislatura baqala biss 4 xhur.

**46/7246/12/I** 11/10/2012 Email minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn b’riferenza għall-email minghand il-Forest Sciences Center of Catalonia talbet sabiex ikun hemm decizjoni tal-Kunsill jekk nippartecipawx jew le fil-progett.

**46/7390/12/I** 17/10/2012 Invit minghand Iniciativas Innovadoras biex il-Kunsill Lokali Pembroke jippartecipa fil-progett MEODELAND Capitalization li huwa follow up progetti tal-Med Programme, liema proposta trid tigi sottomessa sa qabel il-31 ta’ Ottubru 2012.

**46/7448/12/I** 19/10/2012 Email minghand Cyprus University of Technology fejn qed jistaqsu lill-Kunsill jekk hux interssat li jiehu sehem taht il-progett MED Capitilization bl-isem 'Capitilization on rural development through smart specialsation in the agrifood sector: encouraging eco-innovation in the superfood subsectors'.

7.53. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7129/12/I, 46/7134/12/I, 46/7246/12/I, 46/7390/12/I u 46/7448/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li f’dan l-istadju l-Kunsill ma jidholx f’aktar progetti u dan fid-dawl li fi ftit xhur ohra ser ikun hemm elezzjoni ta’ Kunsill gdid.

7.54. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

7.55. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

7.56. Il-mozzjoni ghaddiet.

7.57. Is-Sindku Joe Zammit talab sospensjoni ta’ l-agenda biex item 12 jigi diskuss qabel il-kumplament ta’ l-agenda.

7.58. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

7.59. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Kwotazzjoni 30/2011 u Tender 01/2012.

12.01. Fis-7.35pm Sindku Joe Zammit ippropona li tigi sospiza l-laqgha biex ikun jista' jiltaqa' l-Bord ta' l-Ghazla.

12.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

***12.04. Il-laqgha giet sospiza fis-7.36pm.***

***12.05. Il-laqgha tkompliet fis-7.55pm***

12.06. Is-Sindku Joe Zammit talab sospensjoni ta' l-agenda biex item 14 jigi diskuss qabel il-kumplament ta' l-agenda.

12.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14. Approvazzjoni tal-kontijiet.

14.01. Is-Sindku Joe Zammit ipprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Ara Dokument Q, R, S u T)**

14.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati u bir-rakkomandazzjonijiet tal-CM ghajr tal-J&K Contractors Ltd. li ghad iridu jigu approvati mill-Perit tal-Kunsill.

14.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Kwotazzjoni 30/2011 u Tender 01/2012.

12.09. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li b'riferenza ghal Tender **01/2012 - Tender for Upkeep Maintenance of Parks & Gardens** il-Bord unanimament kien qed jirrakkomanda lill-Kunsill li tintghazel l-offerta ta' Carmel Mifsud abbazi li l-offerta tieghu hija l-aktar wahda vantagguza u dan wara li l-offerta tas-sur Martin Muscat tigi skwalifikata minhabba li d-dokument ma kienx mimli kollu.

12.10. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

12.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.13. Il-membri tal-Kunsill insistew li meta jkun hemm tenders li ma jkunux mimlija kollha skond il-lista li kien ghamel il-Kunsill jew ikollhom xi dokumenti nieqsa, dawn ghandhom jigu mwarba waqt il-ftuh u m'ghandhomx jitresqu quddiem il-Kunsill.

12.14. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa ma setax iwarrab ebda dokument minhabba li huwa l-Bord ta' l-Ghazla li jirrakkomanda lill-Kunsill u finalment huwa l-Kunsill li jiddeciedi.

12.15. Wara diskussjoni l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jikseb direzzjoni dwar dan minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

12.16. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.18. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li b'riferenza ghall-Kwotazzjoni **30/2011 – Provvista u Installazzjoni ta' Litter Bins** il-Bord unanimament kien qed jirrakkomanda lill-Kunsill li tintghazel l-offerta ta' **Green Skip Services Ltd. mudell Pickwick ghall-prezz ta' €179.00 eskluz il-VAT** u dan abbazi li dawn huma simili hafna ghall-bins li gew installata fil-lokal fil-gimghat li ghaddew, liema bins inghataw lill-Kunsill minghajr hlas mill-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali.

12.19. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni nkluz li jekk il-kumpanija tikkonferma li l-prezzijiet ghadhom l'istess, fil-laqgha li jmiss il-Kunsill jiddeciedi l-kwantita' li ser jordna.

12.20. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

12.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

***12.22. Fit-8.00pm l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li jkun skuzat u halla l-kamra u ezatt wara l-Kunsillier Lauro Fava talab li jkun skuzat u halla l-kamra.***

## 07. Korrispondenza.

**46/7158/12/I** 08/10/2012 — Email minghand Transport Malta fejn b'riferenza ghall-email li baghat il-Kunsill dwar Triq Gioacchino Le Brun infurmaw lill-Kunsill li TM ma jsibux oggezzjoni li t-triq tigi two way ghall-perjodu ta' sena, basta jsiru t-tabelli u l-marki ta' traffiku necessarji.

7.60. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7158/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jaccetta l-proposta ta' TM u ghalhekk ghandu jsir ix-xoghol propost.

7.61. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

7.62. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7155/12/I** 08/10/2012 — Email minghand l-Allcare Insurance fejn b'riferenza ghall-incident li kellhom l-Arriva f'San Patrizju baghat id-discharge form emendata sabiex timtela u jkun jista' isir il-hlas ta' €448.

7.63. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7155/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jaccetta dan il-hlas.

7.64. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

7.65. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7166/12/I** 08/10/2012 — Email minghand GreenPak fejn baghtu cirkulari bex titqassam fil-lokal sabiex jinfuraw lir-residenti li l-gbir ta' skart riciklat fi zmien il-Milied u l-Ewwel tas-sena ser sir l-ghada l-Erbgha 26 ta' Dicembru u nhar l-Erbgha 2 ta' Jannar 2013.

7.66. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7166/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jibghat din l-informazzjoni lir-residenti kollha tal-lokal.

7.67. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

7.68. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7168/12/I** 08/10/2012 Kwotazzjoni minghand Vjaggi Untours ghal zewg biljetti ta' l-ajru konnessa mal-progett OSDDT ghall-prezz ta' €440.00 il-wiehed.

**46/7170/12/I** 08/10/2012 Kwotazzjoni minghand Alpine Travel ghal zewg biljetti ta' l-ajru konnessa mal-progett OSDDT ghall-prezz ta' €465.28 il-wiehed.

**46/7175/12/I** 08/10/2012 Kwotazzjoni minghand Hamilton Travel ghal zewg biljetti ta' l-ajru konnessa mal-progett OSDDT ghall-prezz ta' €415.00 il-wiehed izda jinhargu biljetti separati ghal kull flight.

**46/7202/12/I** 09/10/2012 Kwotazzjoni minghand E Dreams ghal zewg biljetti ta' l-ajru konnessa mal-progett OSDDT ghall-prezz ta' €473.29 il-wiehed.

7.69. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7168/12/I, 46/7170/12/I, 46/7175/12/I u 46/7202/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill l'intghazlet l-offerta ta' Untours li ghalkemm ma kienetx l-irhas wahda, izda kellha marbuta maghha garanzija fuq il-biljetti f'kaz li jkun hemm xi dewmien. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jirratifika din id-decizjoni.

7.70. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

7.71. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

7.72. Il-mozzjoni ghaddiet.

7.73. Is-Sindku Joe Zammit ippropona sospensjoni ta' l-agenda biex tigi diskussa item 11 qabel il-kumplament tal-korrispondenza.

7.74. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

7.75. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Ittra korrispondenza numru 46/6442/12/I.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan l-item kien sar fuq talba tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u ghalhekk talabha taghmel il-kummenti taghha dwar korrispondenza 46/6442/12/I. **(Ara Dokument U)**

11.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li kopja ta' din l-email u ittri ohra simili li rcieva l-Kunsill ghandhom jintbaghtu lill-Ispettur Angelo Gafa' sabiex jinvestighom, lill-Onor. Prim Ministru u lill-Onor. Kap ta' l-Oppozizzjoni, lill-Amministrazzjoni tal-PN, lill-Amministrazzjoni tal-PL u lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

11.03. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kopja ta' l-ittra kien diga baghtha lid-Direttur Dipartiment ghall-Gvern Lokali u din wara li ngiebet ghall-attenzjoni tal-membri tal-Kunsill fil-laqgha li ghaddiet.

11.04. Is-Sindku Joe Zammit talab lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat biex tindika lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg liema ittri trid li jintbaghtu. Il-kelliem irrimarka li huwa ma jsib ebda oggezzjoni li din l-ittra u ittri ohra li tindika l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat jintbghatu kif qed titlob.

11.05. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fit-8.30pm, wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss ser issir nhar l-Erbgha 28 ta' Novembru 2012 fil-5.30pm.

Joe Zammit
***Sindku***

Kevin Borg
***Segretarju Ezekuttiv***